# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ mill-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITA').

**APRIL-ĠUNJU 1946.** **IS-SITTAX-IL SENA** **Għadd 182-184.**

# E. B. VELLA

*Il-moviment Malti tilef wieħed mill-aqwa ħbieb kittieba tiegħu — E. B. Vella, storjografu u awtur tal-kotba* Ġabra ta' Ward.

*L-aħħar li rajnieh xi jumejn qabel ma miet. Ma' l-aħħar għafsa ta' l-id, donnha l-aħħar tislima tiegħu lilna bħala ħbiebu fisser l-għoqla tiegħu mhux li kien ser imut, imma li ma kienx sa jilħaq jara mitmuma u stampata* L-Istorja ta' l-Imdina ***li kien ilu jaħdem is-snin fiha****. Quddiemna ibnu Eustace wiegħdu li kellu jtemmhulu hu dan ix-xogħol u missieru kien donnu thenna.*

*Raġel mill-aħjar, ħabrieki u studjuż, E. B. Vella laħaq mela post fl-istorja tal-kitba Maltija. F'ħarġa oħra nġibu kitba itwal fuqu.*

*Għalissa nfakkru mewtu b'dan is-sunett sabiħ li kitiblu Dun Karm u li kien ferħan bih ħafna u li qatt kien ħolom, kif lanqas ħlomna aħna, li kellu jservi bħala epitaffju tal-mewt tiegħu.*

*L-"Għaqda" tagħti l-għomor lil martu, uliedu u qrabatu.*

Malti tassew! Malti fil-qalb, ħabbejtha
Lil din l-art ċkejkna fejn twelidt tarbija;
Fraħt bil-ġmiel li jlibbisha w qatt ma nsejtha,
Fejn kienet xierqa, l-kelma tal-foħrija.

Malti fil-ħsieb, oh b'liema reqqa flejtha
Id-damma mżewqa tal-ġrajjiet Maltija!
Kemm qassamtha sabiħ, u kemm għanejtha
B'kitbiet mirquma u bid-dehen mimlija!

U Malti wkoll f'għamilek, qatt ma tegħja
Tgħallem lil għajrek dak li tgħallimt int,
Biex tajfa aħjar fiż-żgħar u l-kbar tithejja.

Agħnet hekk 'il quddiem u s-Sema miegħek:
Għad joktor dak li int bil-għaqal ħżint:
Oħrajn għad jimxu fuq il-passi tiegħek.